ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 30** **IT-TLIETA 6 TA' MEJJU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Robert Reno Cremona kien infurmah bil-miktub li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba impenji ta' xogħol. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bħala valida u għalhekk il-Kunsillier Cremona ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**30/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 29**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 29 li nżammet nhar it-Tlieta 8 ta' April 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ghaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 29 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**30/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**30/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ċ-ċerimoja tal-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Heritage Trail li kellha ssir fid-9 ta' April u ġiet kkanċellata, għandha ssir fil-ġranet li ġejjin. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** qed tistenna id-data mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**30/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li f'laqgħa li nzammet dan l-aħħar mal-Ministeru responsabbli, il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol fi Triq il-Wied sa sittin metru il-ġewwa minn Triq il-Blata se jkun lest sal-festa ta' San Ġorġ. Ix-xogħol mhux se jtellef l-ispettaklu tal-nar tal-art aktar 'il ġewwa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li x-xogħol kollu għandu jkun ffinalizzat sal-aħħar ta' Awwissu. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** saqsa dwar jekk il-Kunsill kienx mistieden għall-Konferenza Stampa li saret mill-Ministru Joe Mizzi u s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes dwar dan il-proġett. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li la hi u lanqas il-Kunsill ma kien mistieden. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministeru u juri d-dizaprovazzjoni tiegħu li s-Sindku u l-Kunsill ma kienx mistieden għall-Konferenza Stampa fejn skont n-norma s-Sindku jkun mistieden.

**30/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mal-Kunsill Malti għall-Isport fejn dawn offrew li l-*Adventure and Fitness Park* jgħaddi għand il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jkun lest li jieħu r-responsabbilta' ta' dan il-ġnien sakemm jingħataw il-fondi biex nieħdu ħsiebu. **Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jirreġistra li fl-istess zona kien hemm pjanijiet ta' bini ta' gym tal-baskitbol u sostna li l-Kunsill għandu jippressa mal-awtoritajiet biex dawn il-pjanijiet jiġu implimentati.

**30/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret lill-Kunsill fl-iskema tar-Reġjun dwar għotja finanzjarja biex issir sistema ta' CCTV fil-lokalita'. Is-Sindku Rosianne Cutajar issuġġeriet biex il-Kunsill juza dawn il-fondi għal sistema fi Ġnien De La Cruz peress li qed ikun hemm ħafna vandalizmu. **Il-Kunsillier Ralph Puli** fakkar li huwa kien għamel mozzjoni biex isiru sistemi simili fi Ġnien Federico Maempel,li fil-fatt saret u oħra fi Ġnien de La Cruz u għaldaqstant jaqbel mal-proposta tas-Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill juza dawn il-fondi kif ippropost mis-Sindku.

**30/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret li Jum Ħal Qormi se jinzamm fil-ġurnata tiegħu, jiġifieri fil-25 ta' Mejju, u peress li se jaħbat il-Ħadd u se jkun l-għada tal-elezzjonijiet tal-parlament ewropej, din iċ-ċerimonja se tinzamm fis-Sala tal-Kunsill u se ssir filgħodu. Il-Kunsillier Jason Busuttil li huwa responsabbli mill-attivitajiet, sostna li din is-sena iċ-

ċerimonja se tkun tikkonsisti billi jsiru d-diskorsi tal-okkazjoni u jkun hemm l-prezentazzjoni tal-premjijiet ta' Għarfien il-Ħila.

**30/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi kien fost is-sitt Kunsilli Lokali finalisti fil-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza.

**30/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi ipparteċipa fil-Premju Aċċessibilita' A+. Il-Kunsill approva.

**30/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għadhom kemm tweħħlu l-information panels ġodda mal-bini storiku u kappelli fil-lokalita'.

**30/02/09** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni dwar seminar li se jsir bil-kollaborazzjoni tal-aġenzija Sedqa biex tinbidel il-ġurnata tat-28 ta' Ġunju li taħbat lejlet il-festa ta' San Ġorġ. Is-Sindku Rosianne Cutajar wieġbet li ma kenitx infurmata b'dan u li taqbel li dan is-seminar għandu jinzamm f'ġurnata oħra. Il-Kunsill Lokali qabel *nem.con*.

## 30/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2014

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2014
**b)** *Bank Payments* April 2014.
**c)** *Petty Cash* April 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 30/04 MOZZJONIJIET

## 30/04/01 MOZZJONI – 103-2014(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet l-mozzjoni nru 103-2014:

*“Peress li l-kuntratt ta’ Knis ta’ Toroq (Sezzjoni 2) gie moghti li lil Wilson Mifsud ghal sena (li izda jista’ jigi mgedded ghal massimu ta’ tlett snin) li jittermina fil- 30 ta’ Mejju 2014,*

*Peress li x-xogħol pprovdut mill-kuntrattur kien tajjeb,*

*Nipproponi biex il-kuntratt ta’ Knis ta’ Toroq (Sezzjoni 2) mogħti lil Wilson Mifsud, jiġi mġedded għal sena sa’ 30 ta’ Mejju 2015.*”

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 103-2014(VI).

**30/04/02 MOZZJONI – 104-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*“Peress li l-kuntratt ta’ Contract Manager moghti lil Annalise Farrugia ghal sena (li izda jista’ jigi mgedded ghal massimu ta’ tlett snin) li jittermina fil- 30 ta’ Mejju 2014,*

*Nipproponi biex il-kuntratt ta’ Contract Manager, ma jiġix mġedded u terga’ toħroġ sejħa għall-offerti peress li hemm bzonn li jinbidlu l-ispecifikazzjonijiet ta’ dan il-kuntratt biex ikun ta’ aktar servizz għal-lokalita’.*

**Il-Kunsillier Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 104-2014 (VI). Peress li kien hemm diskussjoni twila dwar din il-mozzjoni rigward kif għandha toħroġ l-offerta l-ġdida, il-Kunsill qabel li għandu jressaq abbozz tad-dokument tal-offerta l-ġdid għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ippropona li fid-dokument għandu jkun hemm indikizzjoni tas-sigħat rikjesti mill-*contract manager* u mezzi kif tista’ titkejjel il-*performance* tal-istess *contract manager*. Il-Kunsill qabel nem.con.**

**30/05 RAPPORTI**

**30/05/01 RAPPORT: BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI : EMBELLISHMENT WORKS OF GARDEN IN TRIQ ALEXANDRA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għazla, (**DOK 'B'**) li jikkonsisti f'dan:

"*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2014, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 11 ta' April 2014 fil-10.00am.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-11 ta' April 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Jason Busuttil, fil-prezenza wkoll ta' zewg membri tal-pubbliku. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva zewg offerti (2) wahda biss*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Polidano Brothers* | *€ 220,593.25* |
| *2.* | *RMS Ltd* | *€141,969.77*<br>*€164,885.94*<br>*€160,340.60* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, l-Perit William Lewis u s-Segretarju, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti. Il-membri tal-Bord, il-Kunsilliera Ralph Puli u Charles Farrugia ma setgħux jattendu.*

*Il-Bord innota li peress li l-orħos offerta kienet 18% għola mill-istima tal-proġett. Peress li dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Urban Improvement Fund, u l-Kunsill m'għandux finanzi allokati biex ikopri d-differenza bejn il-flus approvati mill-UIF u l-orħos offerta, u anke peress li m'hemmx xoghlijiet li jistgħu jitnaqqsu mill-BOQ, il-Bord irrakkomanda li l-offerta tiġi rtirata u terġa tiġi ppubblikata offerta ġdida. Il-Bord irrakkomanda wkoll li dawk l-offerenti li diġa ġabru d-dokument ghal din l-offerta, jiġu ezentati milli jerġgħu iħallsu għad-dokument tal-offerta fir-ri-pubblikazzjoni tal-istess offerta."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex "*il-Kunsill Lokali jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord, billi tiġi rtirata l-offerta u terġa tiġi ppubblikata offerta ġdida. Il-Bord irrakkomanda wkoll li dawk l-offerenti li diġa ġabru d-dokument għal din l-offerta, jiġu ezentati milli jerġgħu*

*iħallsu għad-dokument tal-offerta fir-ri-pubblikazzjoni tal-istess offerta. Il-Kunsill għandu joħroġ l-offerta b'mod urġenti minħabba li hemm skadenzi marbutin mal-iffinanzjar tal-proġett, fejn l-offerta għandha ddum miftuħa il-minimu taz-zmien possibli fil-liġi li skont P3.02 tal-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Offerti) hija ta' tmint'ijiem.*"

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni t'hawn u għaldaqstant għandu jinforma lill-offerenti bid-deċizjoni u jerġa' jippubblika l-offerta b'mod urġenti.

**30/05/02 RAPPORT: BORD TAL-GĦAZLA: IMPJIEG TA' EXECUTIVE OFFICER**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għazla. **DOK 'C'**

Wara li l-Kunsill iddiskuta r-Rapport tal-Bord tal-Għazla, is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni biex "il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħzel li jimpjega lil Mark Vella bħala Executive Officer (Skala 13 – Back to Back Fulltime) peress li mill-proċess tal-Għazla, is-Sur Vella wera li huwa kandidat addattat għal din il-pozizzjoni wara li għadda mill-intervista kif ukoll minn testijiet li saru mill-bord tal-għazla. Is-Sur Vella kien l-uniku kandidat li għadda b'suċċess mill-evalwazzjoni tal-Bord tal-Għazla.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni t'hawn u għaldaqstant għandu jinforma lill-kandidati bir-rizultat tal-evalwazzjoni mill-Bord tal-Għazla, kif ukoll li jinfurma lis-Sur Mark Vella dwar l-għazla tieghu halli jiffirma l-kuntratt u jiġu infurmati l-ETC.

**30/06** **KORRISPONDENZA**

**30/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'C1-6'**

1. Ftehim mal-Kurja Arċiveskovali dwar ir-restawr tal-Pjazza ta' San Franġisk permezz ta' fondi tal-*EIPP* tal-MEPA. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat dan il-ftehim.

2. Korrispondenza dwar talba għall-*one-way* f'parti minn Triq il-Kummerċ. Il-Kunsill irċieva wkoll petizzjoni iffirmata mir-residenti u intraprizi ta' dik it-triq fejn ma qablux li din it-triq issir one-way. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li din il-*one-way* ma ssirx peress li l-maġġoranza tar-residenti u intraprizi tal-istess triq oġġezzjonaw u kienu se jintlaqtu ħazin. Il-**Kunsillier Sean Meli** ġided l-attenzjoni li hemm bzonn ta' infurzar fl-istess triq għaliex kien għalhekk li inħass il-bzonn li tintalab biex it-triq issir *one-way*.

3. Korrispondenza minn *Qormi Hockey Club* fejn il-Kunsill ġie infurmat li se jiġi organizzat tournament internazzjonali tal-hockey. Il-Kunsill Lokali se jkun parteċipi f'dan it-tournament u s-sehem tiegħu ma jeċċediex il-Eur250. Il-Kunsill qabel li jagħmel riklam fuq il-programm li se jkun ippubblikat għall-okkazjoni, liema riklam jiswa Eur60.

4. Korrispondenza minn GreenPak dwar talba biex il-Kunsill Lokali jagħmel bye-laws li jawtorizza lill-persuni li jiġbru l-iskart riċiklat mill-lokalita'. Il-Kunsill ma qabilx li f'dan l-istadju joħroġ dawn il-bye-laws u se jkun qed josserva s-sitwazzjoni anke in vista tar-riforma li se tkun qed tiġi mwettqa f'dan is-settur fix-xhur li ġejjin.

5. Offerta biex il-magazin tal-Kunsill isir kollu kemm hu tal-kulur għal zieda fil-prezz ta' Eur175+VAT kull ħarġa. Għalkemm din l-offerta hija waħda tajba, il-Kunsill qabel *nem.con* li ma jistax jaffordja li jzied l-ispejjez tiegħu u għaldaqstant qed jirrifjuta din it-talba.

6. Suġġeriment biex fi Triq il-Ħammieri ssir roundabout baxxa f'kantuniera ma' Triq ix-Xitwa. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li din issir peress li riċentament hemm policy li r-roundabouts ma għandhomx isiru sakemm mhux tassew neċessarji għaliex dawn jikkrejaw aktar traffiku. Il-Kunsill iħoss ukoll li l-bzonn ta' din ir-*roundabout* qed jinħass f'dawn il-ġranet peress li fil-mument hemm Triq il-Wied magħluqa u d-devjazzjoni tat-traffiku qed tuza aktar din il-*junction* lejn Triq ix-Xitwa. Malli

Triq il-Wied tinfetaħ u jerġa kollox għan-normal, dan il-bzonn ta' *roundabout* għandu jonqos drastikament.

7. Talba mill-Iskola San Ġorġ dwar għajnuna finanzjarja biex isiru xi xogħlijiet. Peress li l-Kunsill kellu direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li dan huwa pprojbit għax huwa meqjus bħala donazzjoni, il-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba izda se jkun qed jgħin billi jagħmel pressjonijiet mal-awtoritajiet ħalli l-Iskola ta' San Ġorġ ssirilha l-manutenzjoni tant meħtieġa.

8. Proposta mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia biex jingħata Għarfien il-Ħila lis-Sur Clint Zammit. Il-Kunsill approva nem.con.

9. Korrispondenza minn Transport Malta li tmur lura għas-sena 2009, fejn Transport Malta kienet approvat li pedestrian crossing fi Triq l-Imdina timxi bi ftit metri. Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li huwa għandu informazzjoni mis-Segretarju preċedenti li din ma kenitx saret minħabba li kien hemm xi oġġezzjonijiet mir-residenti u anke kien hemm diffikultajiet mill-Enemalta biex jingħata d-dawl. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jinforma lil Transport Malta li m'għadux interessat li jsir dan ix-xogħol.

10. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq Ġorġ Mifsud Chircop. Il-Kunsill jilqa' t-talba li ssir bozza f'din it-triq izda ma jista' jagħmel xejn fir-rigward tal-kundizzjoni tat-triq peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' ta' Transport Malta għaliex għadha ma ġietx mibnija. Il-Kunsill se jinforma lill-MEPA biex tobbliga lis-sidien tal-plots li għadhom vojta biex itellgħu boundary wall peress li jinsabu ta' periklu għat-tfal.

**30/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-09:35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.